MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 291/1992/2

**Dottor Joseph Pace M.D., F.R.C.P. (Edin), F.R.C.P. (Lond), F.A.A.D. u Dottor Stephen Brincat M.D., M.R.C.S., F.R.C.R. fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' The Medical Association of Malta (M.A.M.); u in rapprezentanza tal-istess U Professur Anthony P. Jaccarini M.D., B.Sc., B.Pharm., M.A., Ph.D., F.R.I.C. Chem. U b'digriet tas-7 ta' Lulju 2010 il-Qorti ordnat is-sostituzzjoni tal-ismijiet ta' Dr. Joseph Pace M.D., F.R.C.P. u Dr. Stephen Brincat M.D., bl-ismijiet ta' Dr. Martin Balzan M.D. u Dr. Gordon Caruana Dingli M.D., bhala President u Segretarju rispettivament, tal-medical Association of Malta**

**vs**

**Onorevoli Prim' Ministru Dottor Eddie Fenech Adami LL.D., M.P., Onorevoli Ministru tas-Sigurta` Socjali u tal-Intern, Dottor Louis Galea, M.D., M.P., u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 1992, il-kliem 'ta' Sigurta` Socjali**

**u tal-Intern', jigu sostitwiti bil-kliem 'Ministru tal-Intern u Zvilupp Socjali' u Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Izvilupp tar-Rizorsi Umani Dottor Ugo Mifsud Bonnici, LL.D., M.P., u b'digriet tal-25 ta' Novembru, 1992, il-kliem 'tal-Izvilupp tar-Rizorsi' jigu sostitwiti bil-kliem 'Rizorsi Umani' u Rettur tal-Universita`, il-Professur Peter Serracino Inglott in rapprezentanza tal-istess Universita` ta' Malta**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq indikati datata t-18 ta' Marzu, 1992, li permezz taghha l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi fit-2 ta' Gunju, 1977, l-attur Professur Jaccarini kien membru tal-Assocjazzjoni Medika ta' Malta, (M.A.M.), li taghha ghadu membru;

2. Illi fid-data ndikata fil-paragrafu precedenti l-assocjazzjoni fuq imsemmija ordnat azzjoni ndustrijali parzjali fost il-membri taghha;

3. Illi rizultat ta' dan u tal-bdil effettwat fis-sistema edukattiv terzjarju, l-attur Professur Jaccarini irrizenja minn Professur tal-Farmacija u minn Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija fl-Universita`;

4. Illi f'Mejju tal-1987 inbidel il-gvern;

5. Illi wara diskussjonijiet estensivi bejn il-Gvern u l-M.A.M. intlahaq ftehim fid-19 ta' Gunju, 1987;

6. Illi fi klawsola B.1. tal-istess, gie pattwit testwalment is-segwenti:

"At the earliest opportunity the Government of Malta, and, where applicable, in consultation with the University Authorities, will re-instate those doctors who had been dismissed or suspended or who otherwise lost their job with the Government and/or the University of Malta as a

consequence of the Medical dispute, and will restore their former rights, provided such doctors signify within a period of one month from the signing of this agreement their intention to resume duties and provide further that such doctors resume their duties within a further period of six months from this period”;

7. Illi l-Professur Jaccarini kien wiehed mit-tobba li kien espressament inkluz fl-Iskeda annessa mal-istess ftehim fuq indikat;

8. Illi l-istess Professur Jaccarini ottempora ruhu mal-kundizzjonijiet tal-imsemmi ftehim u applika biex jigi re-integrat fil-pozizzjoni li kellu mal-Universita` fl-1977;

9. Illi ghal ragunijiet maghrufa biss mill-konvenuti fuq indikati l-applikazzjoni tal-Professur Jaccarini ma gietx accettata;

10. Illi minflok, il-post li fih kellu jigi re-integrat l-attur Jaccarini inghata lill-Professur Anthony Serracino Inglott, biex b’hekk gie mcahhad mid-dritt kontrattwali tieghu fuq rifrit;

11. Illi dan l-agir jammonta ghal ksur unilaterali u kontrattwali, u irreka danni konsiderevoli lill-imsemmi attur Jaccarini;

12. Talab ghalhekk biex il-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

i. Tiddikjara li l-ftehim fuq riferit gie miksur unilateralment, illegalment u b’mod abbuziv;

ii. Tiddikjara li n-nomina tal-Professur Anthony Serracino Inglott hija illegali u abbuziva;

iii. Tordna li l-attur Professur Anthony Jaccarini jigi riintegrat fil-funzjoni li kellu qabel it-2 ta’ Gunju, 1977, u dan, skont it-termini u obbligi tal-konvenuti kif assunti fil-ftehim tad-19 ta’ Gunju, 1987, fuq imsemmi;

iv. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur Professur Anthony Jaccarini;

v. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati, jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi;

vi. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu/ihallas id-danni hekk likwidati;

vii. Bl-ispejjez kif indikati fic-citazzjoni promotrici, u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess citazzjoni promotrici li essenzjalment irriproduciet il-fatti fuq gia` riferiti biz-zieda tal-informazzjoni li nonostante li kienu saru diversi sforzi u rapprezentazzjonijiet biex tigi rimedjata din is-sitwazzjoni dawn ma rnexxewx u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif indikati fl-istess nota a fol 20 tal-process u ghalhekk eskluz ir-Rettur tal-Universita`, datata s-26 ta' Mejju, 1992, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi kif proposta c-citazzjoni odjerna mhix procedibbli salv li tigi korretta stante l-mod zbaljat kif huma ndikati l-karigi tal-eccipjenti – hlief il-Prim' Ministru;

2. Illi l-"*locus standi*" ta' l-attur Professur Jaccarini hu karenti stante li l-ftehim li fuqu huma bbazati t-talbiet attrici ma kienx konkluz mal-imsemmi Professur Jaccarini personalment u ghalhekk it-talbiet attrici huma nulli u inattendibbli;

3. Illi subordinatament, kwantu t-talbiet attrici huma diretti ghal finalita` li l-Professur Jaccarini jigi "appuntat Professur tal-Farmacija u Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija fl-Universita` ta' Malta", it-talbiet attrici huma inattendibbli u ekwivalenti ghal invit lill-qorti biex tordna li "jsir agir illegali in vjolazzjoni netta ta' l-artikolu 28

(14) ta’ l-Att ta’ l-1988 dwar l-Edukazzjoni” liema artikolu jikkostitwixxi l-kariga bhala wahda elettiva u mhux wahda assenjabbli b’nomina diretta, u dan, meta l-ftehim m’ obbligax lill-Gvern biex jikkonserva l-istrutturi akkademici ezistenti l-Universita` fil-jum tal-konkluzjoni tal-ftehim in dizamina;

4. Illi dan il-ftehim bl-ebda mod ma kien jobbliga lill-konvenuti biex jiddesistu milli jiddemokratizzaw l-istrutturi universitarji;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-karenza ta’ fundament guridiku ghall-azzjoni stante li l-konvenuti mhux obbligati bil-mod allegat mill-atturi u lanqas ikkagunaw l-ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa tal-konvenuti kif fuq indikati konsistenti biss f’paragrafu li permezz tieghu gie dikjarat li qed jirrimettu ruhhom ghall-provi u li jirribadixxu li ma tezisti ebda relazzjoni kontrattwali bejnhom u l-attur Jaccarini u li allura essenzjalment ghandu jinghad li lanqas biss tikkwalifika bhala dikjarazzjoni skont il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tar-Rettur tal-Universita` ta’ Malta hemm indikat u in rapprezentanza tal-istess, datata l-4 ta’ Gunju, 1992, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-attur Professur Anthony Jaccarini m’ghandux “*locus standi*” fil-kawza stante li ma kienx parti mill-ftehim in dizamina;

2. Illi l-imsemmi Rettur proprio et nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex il-ftehim ma kienx milhuq mieghu;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, il-ftehim in dizamina ma japplikax ghall-kaz tal-Professur Jaccarini;

4. Illi fin-nomina ta’ Kap ta’ Dipartiment, ir-Rettur eccipjenti proprio et nomine hu statutorjament obbligat li jsegwi l-ligi in dizamina;

5. Illi l-atturi m’ghandhomx bazi legali u guridika li jintavolaw l-azzjoni odjerna peress li l-eccipjent hawn indikat partikolarment mhux obbligat bil-mod allegat mill-atturi u la kkaguna, u la jirrispondi ghall-ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-Rettur fuq indikat annessa mal-istess nota hawn sintetikament esposta, li permezz taghha l-istess eccipjenti jsostni essenzjalment is-segwenti:

1. Illi l-fatti kontenuti fid-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati – senjatament li fit-2 ta’ Gunju, 1977, il-Professur Jaccarini kien membru tal-M.A.M. u ghadu hekk membru effettiv;

2. Illi l-azzjoni ndustrijali in dizamina ma kinitx tirreferi ghall-Professur Jaccarini u dan in effetti ma harigx bi *strike*;

3. Illi l-motivazzjoni wara r-rizenja tal-Professur Jaccarini mill-Universita` ma kinitx sehhet ghar-ragunijiet allegati mill-atturi;

4. Illi l-fatti l-ohra allegati mill-atturi huma kontestati stante li l-politika adottata mill-gvern tal-gurnata kienet li min kien irrizenja fic-cirkostanzi partikolari li kienu nholqu f’dak iz-zmien in dizamina kien ser jerga’ jinghata lura l-post li kien jokkupa – u dan, dejjem soggett ghat-tibdil li seta’ jsir min zmien ghal zmien;

5. Illi l-pozizzjoni akkademika li kien jokkupa l-Professur Jaccarini fi hdan l-istruttura universitarja kienet giet statutorjament abolita u konsegwentement l-istess professur ma setax jigi nominat ghall-istess post li precedentement kien jokkupa fi hdan din l-istess struttura;

6. Illi fil-perjodu in dizamina jirrizulta wkoll li kienu anke saru diskussjonijiet mal-istess Professur Jaccarini;

7. Illi l-istess Rettur eccipjenti jsostni li l-Kunsill, (presumibbilment tal-Universita'), kien:

"… ta parir lill-Prim' Ministru, kif kienet trid il-ligi … dwar in-nomini li kellhom isiru u dan kien allura accettat li jiehu l-kariga ta' Kap tad-Dipartiment gdid tal-Farmakologija – kariga li l-Professur", (presumibilment Jaccarini), "irrifjuta li jokkupa", (ara fol 34, sottolinear tal-qorti);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-25 ta' Novembru, 1992, li permezz tieghu ordnat il-korrezzjonijiet fl-"*occhio*" hemm indikati mill-atturi, u dan, wara li rat l-artikolu 175 tal-Kap 12, (ara fol 35);

Rat in-nota tal-attur datata s-17 ta' Mejju, 1993, li permezz taghha esebew il-ftehim pattwit bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assocjazzjoni Medika Maltija datat id-19 ta' Gunju, 1987, liema ftehim kien gia` esebit bhala Dok 'X' anness mac-citazzjoni promotrici li pero` jirrizulta li mill-ewwel intilef mill-atti de quo, (ara fol 39 et sequitur), li pero` bid-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-konvenuti datata s-16 ta' Gunju, 1993, dawn issottolineaw li ma kienux qed jaccettaw id-dokumenti in dizamina pprezentati bhala kopja fidila tal-original, (ara fol 50);

Rat il-hatra tal-assistent gudizzjarju hemm indikat datata s-16 ta' Gunju, 1993, (ara fol 49);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat it-18 ta' Frar, 1994, li permezz tieghu filwaqt li rrevokat l-inkarigu moghti lill-assistent gudizzjarju precedenti hemm indikat, issostitwietu b'assistent gudizzjarju iehor bl-inkarigu li tigbor ix-xhieda u d-dokumenti tal-partijiet, (ara fol 57);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datata t-18 t'Ottubru, 2004, li permezz tieghu filwaqt li ssospendiet l-inkarigu moghti lill-assistent gudizzjarju

hemm indikata, issostitwietha b'assistent gudizzjarju iehor bl-istess inkarigu precedentement moghti lill-predecessura taghha, (ara fol 548);

Rat il-verbal tal-istess qorti diversament preseduta datat it-22 ta' Marzu, 2005, li permezz tieghu, wara li hadet konjizzjoni tal-informazzjoni lilha moghtija mill-assistent gudizzjarju de quo, li kienet qed issib diffikulta biex izzomm is-seduti, u peress li f'dik l-udjenza la dehru l-atturi u lanqas id-difensur taghhom, iddifferiet il-kawza *sine die*;

Rat ir-rikors tal-atturi datat it-13 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li kien ghad ghandhom interess li l-kawza odjerna titkompla u ghalhekk talbu lil din il-qorti diversament preseduta biex tirriappunta l-kawza;

Rat id-digrieti taghha diversament preseduta rispettivament datati s-6 u t-12 ta' Mejju, 2005, li wara li kkonstatat li l-atturi ottemporaw ruhhom mal-ordni taghha hemm indikat, irriappuntat il-kawza ghall-kontinwazzjoni;

Rat ukoll id-digriet ta' din l-istess qorti diversament preseduta datat l-14 ta' Frar, 2006, li permezz tieghu rega' gie sostitwit l-assistent gudizzjarju precedentement in kariga b'assistent gudizzjarju iehor, u dan, bl-istess fakoltajiet moghtija lil dik precedenti, (ara fol 572);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-2 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu wara talba tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi, laqghet l-istess talba u akkordat il-perjodu hemm indikat biex l-attur jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu bil-visto tal-kontro-parti li nghatat ukoll il-perjodu hemm indikat ghan-nota responsiva taghha, (ara fol 663);

Rat ir-rikors tal-atturi datat it-30 ta' Lulju, 2009, li wara li rrealizzaw li l-perjodu lilhom koncess ghas-sottomissjoni skritta ndikata fil-paragrafu precedenti, ma kienx ser ikun bizzejjed minhabba l-voluminozita` tal-process, talbu li jkun koncess lilhom estensjoni tal-perjodu in dizamina, li wara li giet registrata n-nuqqas t'oppozizzjoni tal-

konvenuti, jidher li ma nghatat l-ebda estensjoni fir-rigward stante li d-digriet finali in meritu ma jirrizultax in atti;

Rat id-digriet ulterjuri ta' din l-istess qorti diversament preseduta datat it-18 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju iehor, (ara fol 670), u kkoncediet ulterjorment perjodu iehor biex il-partijiet jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara fol 671);

Rat in-nota attrici datata t-2 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha ntalbet is-sostituzzjoni tal-co-atturi Dr. Joseph Pace u Dr. Stephen Brincat fil-karigi rispettivi taghhom fil-M.A.M. b'Dr. Martin Balzan u Dr. Gordon Caruana Dingli rispettivament, (ara fol 677);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata s-7 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha din il-qorti diversament preseduta laqghet it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi datata t-30 ta' Lulju, 2010, (ara fol 679-693);

Rat in-nota responsiva tal-Prim' Ministru, tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani u tal-Ministru tal-Intern u Zvilupp Socjali datata d-29 t'Ottubru, 2010, (ara fol 698-707);

Rat il-verbal datat id-29 ta' Settembru, 2011, fejn wara li issa l-procedura odjerna giet assenjata lil din il-qorti kif prezentement preseduta, il-partijiet hemm qabblu li jkun ghaqli li jigu pprezentati noti riassuntivi tal-pozizzjonijiet rispettivi taghhom sad-dati hemm illhom indikati;

Rat in-nota riassuntiva tal-atturi datata s-7 ta' Novembru, 2011, (ara fol 753 et sequitur), u dik tal-Prim' Ministru, tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani, u tal-Ministru ta' l-Intern u Zvilupp Socjali datata d-9 ta' Dicembru, 2011, (ara fol 763 et sequitur);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datat it-12 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu gibed l-attenzjoni ghall-fatt li t-talba attrici hija limitata fiz-zmien mid-data tal-prezentata sal-2010 – kif sottolineat fil-paragrafu 28 tar-replika attrici, (ara fol 761);

Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-12 ta' Jannar, 2011, fejn wara li semghet lill-partijiet fir-rigward laqghet it-talba attrici in dizamina ndikata fil-paragrafu precedenti purche` nota kjarifikatorja tigi prezentata, bil-visto tal-kontroparti li jkollhom dritt ghar-risposta, (ara fol 768);

Rat in-nota tal-atturi bil-visto fuq rilevat datata l-24 ta' Mejju, 2012, li in vista ta' dak sostenut fil-paragrafu ta' qabel dan, ipprezentaw il-prospett aggornat dovut;

Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha esebita in atti;

Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha mid-diversi assistenti gudizzjarji nominati matul id-dekors ta' din il-procedura;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tissottolinea l-izvantagg psikologiku u processwali li din il-qorti sabet ruhha konfrontata biha billi wara procedura li ilha pendenti ghal aktar minn ghoxrin (20) sena, li ghaddiet mill-*iskrutinju* ta' diversi gudikanti u assistenti gudizzjarji, issa immaturat ghar-rizoluzzjoni legali w awspikatament ukoll gusta;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura ghandha effettivament l-eghruq taghha fil-kwistjoni medika li kienet lahqet il-kulmine taghha fit-2

ta’ Gunju, 1977, fejn rizultat t’azzjoni ndustrijali parzjali mehuda mill-M.A.M. li taghha l-attur Jaccarini kien membru, il-hajja ta’ dan l-istess attur, bhal del resto ta’ hafna u hafna ohrajn, giet skonvolta;

Illi f’dan l-isfond politiku-socjali bdiet tithabbel il-kobba li issa waslet biex b’xi mod tigi ndirizzata jekk mhux rizolta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li ghalhekk taw lok ghall-origini ta’ din il-procedura jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fl-1977 l-attur Jaccarini kien jokkupa l-kariga ta’ Professur tal-Farmacija u ta’ Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija fl-Universita`, u ghalhekk kien impjegat “*full time*” ma’ l-istess Universita`;

2. Illi permezz tal-azzjoni ndustrijali parzjali fuq riferita il-membri tal-M.A.M. inghataw struzzjonijiet partikolari, u dan, fil-kuntest ta’ riformi fl-edukazzjoni terzjarja li kienu gew introdotti f’dak iz-zmien, (ara fol 312);

3. Illi rizultat ta’ dawn l-istruzzjonijiet u ta’ nuqqas ta’ qbil koncettwali mar-riforma edukattiva li dak iz-zmien kienet qed tigi ntrodotta f’diversi korsijiet universitarji, l-attur Jaccarini hass li kellu jissottometti r-rizenja tieghu lill-Kunsill ta’ l-Universita`;

4. Illi jirrizulta wkoll li fi straxxiku tal-istess sitwazzjoni politico-socjali, meta l-folja politika Maltija nqalbet, il-Gvern tal-gurnata kien ikkonkluda ftehim mal-M.A.M. datat id-19 ta’ Gunju, 1987, fejn biex jipprova jissupera l-perjodu ta’ dizgwid in dizamina gie sintetikament pattwit is-segwenti li l-partijiet rilevanti tieghu qed jigu hawn esposti;

i. Illi l-M.A.M. tikkoopera fil-holqien ta’ servizz tas-sahha nazzjonali efficjenti provdut mill-Gvern tramite tobba Maltin;

ii. Illi biex it-tilwima pendenti tigi rizolta l-M.A.M. tobbliga ruhha li tirtira d-direttivi ndustrijali taghha mid-data tal-istess ftehim;

iii. Illi fid-dawl tas-suespost il-Gvern obbliga ruhu li jerga' jirriintegra lil dawk li kienu tkeccew, gew sospizi, jew b'xi mod tilfu l-impjieg taghhom mal-Gvern b'konsegwenza ta' din it-tilwima hekk protratta u jintraddilhom lura d-drittijiet li huma kellhom qabel;

iv. Illi biex isehh dan il-kontro-pass, it-tobba kellhom jindikaw l-intenzjoni pozittiva taghhom fi zmien xahar (1) mill-iffirmar ta' dan l-istess ftehim, li riedu jergghu jidhlu ghax-xoghol u li konsegwentement l-istess kellhom ukoll jidhlu ghax-xoghol fi zmien ulterjuri ta' sitt (6) xhur mill-istess perjodu;

v. Illi s-suespost kien japplika *mutatis mutandis* ghall-Universita`;

vi. Illi gie ulterjorment specifikat li r-riintegru ghandu jsir minghajr pregudizzju ghal dispozizzjonijiet ohra nkluzi fl-istess ftehim in dizamina;

vii. Illi in oltre, meta kull kategorija jew grad li jkunu ghadhom jezistu r-riintegru jsir f'dik il-kategorija jew grad u dan, ma jeskludix li fil-futur ikun hemm negozjati ulterjuri ghal titjib fl-istess kundizzjonijiet;

viii. Illi meta kategorija jew grad ma tibqax tezisti jew ikunu gew assorbiti, l-impjegat ikkoncernat issirlu offerta ekwivalenti li tkun trid tigi wkoll accettata fi zmien xahar (1) mill-iffirmar tal-ftehim;

ix. Illi l-pensjoni li tinghata wara l-abolizzjoni ta' kariga ghandha wkoll tkun dovuta b'rizultat ta' tali abolizzjoni mid-data ta' l-iffirmar ta' l-istess ftehim in dizamina u "*ghandha tinhadem daqs li kieku dik l-abolizzjoni grat fl-ahhar jum tas-servizz effettiv mill-impjegat*", (ara fol 44);

x. Illi s-"*seniority*" ghandha tigi regolata bil-perjodu totali t'esperjenza effettiva u/jew servizz fl-oghla livell ta' kariga miksubin;

Ikkunsidrat:

Illi skont id-depozizzjoni tal-attur Jaccarini riprodotta in atti fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Mejju, 1994, rilaxxata quddiem l-assistent gudizzjarju hemm indikata u li tul id-durata ezagerata u skandaluza ta' dan il-process qatt ma giet kontradetta, fi zmien mhux suspettuz jirrizulta li waqt funzjoni partiggjana celebrattiva, interlokazzjoni bejn il-konvenut Dr. Eddie Fenech Adami u Dr. Hyzler kien intqal is-segwenti proprju fil-konfront tal-attur Jaccarini u, b'rilevanza diretta ghall-vertenza in dizamina;

"Dr. Hyzler (George)" kien qallu " (lill-Dr. Fenech Adami), "Weghdu lill-Profs. Tony Jaccarini li ha jerga' jiehu postu", u Dr. Eddie Fenech Adami qallu "Hemm ghalfejn?", (ara fol 67);

Ikkunsidrat:

Illi rafforzat b'tali ndikazzjoni diretta mill-persuna li effettivament suppost li kienet il-pern tal-vertenza, l-attur Jaccarini irrizenja mill-karigi ufficcjali li hu kien jokkupa fl-Universita` u kien kostrett jassigura l-ghixien tieghu fl-esteru;

Illi rafforzat ulterjorment mill-ftehim sussegwenti li sehh kif fuq sintetikament espost, l-attur Jaccarini ghazel li jirritorna Malta fejn legittimament haseb li kien ser jigi riintegrat fil-pozizzjoni li hu kellu qabel ma kkonsolidat ruhha s-saga kollha in dizamina;

Illi pero`, r-realta` ghall-attur Jaccarini zvolgiet b'mod ferm differenti mill-mod li hu kien qieghed legittimament jippretendi li kienet ser tizvolgi u dan, stante li kien legittimament jippretendi li issa d-drittijiet tieghu, bhal ta' ohrajn li sabu ruhhom f'sitwazzjoni simili ghal tieghu, kienu issa wkoll tutelati;

Illi jirrizulta li nonostante l-assikurazzjoni verbali fuq riferita, il-ftehim espressament u sollennement pattwit, u l-fatt li t-talbiet ghar-riintegrazzjoni tieghu saru fit-termini tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istess ftehim, l-attur Jaccarini gie mcahhad mid-drittijiet tieghu u minflok li nghata dak li ragonevolment kien qed jippretendi sab l-ostakoli kollha possibbli mpoggija quddiemu, senjatament mill-Gvern; mill-Universita` u anke mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, li bl-agir taghhom kollha kkontribwew b'mod nefast biex jilledu d-drittijiet u d-dinjita` tal-attur de quo u jimpeduh – minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi – milli jiehu dak li fid-dawl tas-suespost kien legittimament jispetta lilu bi dritt, u dan, anke nonostante l-varji assikurazzjonijiet espressament lilu moghtija minn min kien dovut minn zmien ghal zmien;

Ikkunsidrat:

Illi l-ftehim pattwit bejn il-Gvern u l-M.A.M. fuq riferit japplika direttament ghall-attur Jaccarini stante li hu kien kemm membru regolari tal-M.A.M. kif ukoll impjegat regolari fi grad gholi fl-Universita` kif fuq gia` ndikat;

Illi di piu` jirrizulta wkoll ampjament assodat li meta l-Gvern fl-1987 obbliga ruhu li jirriintegra lill-Professuri kollha li kienu mpjegati ma' l-Universita` fil-pozizzjoni li huma kienu jokkupaw qabel il-holqien ta' din is-saga immana, isem l-istess Professur attur kien espressament indikat fost dawk li kellhom jigu hekk riintegrati u b'hekk, biex zgur ma jkun hemm l-ebda dubju fir-rigward, giet redatta lista appozita li sussegwentement sparixxiet misterjozament u ma dehritx aktar izda hi espressament riferita minn zewg persuni ta' ntegrita` kif jidher a fol 303 u 305, u a fol 314 tal-process, li bl-ebda mod ma gew sussegwentement kontradetti minn hadd;

Illi di piu`, jirrizulta ulterjorment li persuni ohra fl-istess sitwazzjoni identika bhal dik tal-attur Jaccarini senjatament Fenech, Griffiths, Bannister u diversi ohrajn, kollha kienu debitament riintegrati a bazi tal-imsemmi ftehim;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad ukoll li l-oggezzjoni tal-konvenuti kif minnhom espressa fl-eccezzjonijiet minnhom sollevati tidher pjuttost kontradittorja;

Illi dan qieghed jinghad stante illi l-konvenuti politici ndikati fl-*occhio* tal-kawza jsostnu li t-talba attrici hi inattendibbli stante li b' orrur enormi ghall-integrita` taghhom, qed jistiednu lill-qorti biex tordna li jsir agir illegali in vjolazzjoni netta tal-artikolu 28 (14) ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni;

Illi f'dan ir-rigward il-konvenuti ghandhom iserrhu rashom li din il-qorti, ghall-anqas kif preseduta, tassigurhom li zgur mhix ser tkun hi li tippresta ruhha biex tixpruna l-illegalita`;

Illi dan il-monitu tal-konvenuti jidher li qieghed jinghata ghaliex il-kariga li waqghet taht il-lenti tal-attur Jaccarini kienet, bl-Att fuq indikat, ikkostitwita bhala kariga elettiva – espressjoni tal-principji demokratici ntrodotti f'dan il-kamp partikolari mill-istess konvenuti;

Illi pero` f'dan ir-rigward il-konvenut l-iehor ir-Rettur tal-Universita` jsostni fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu li, u dan, kuntrarjament ghal dak sostenut mill-ko-konvenuti l-ohra, li:

i. l-attwazzjoni tal-ftehim tal-Gvern mal-M.A.M. hu ndipendenti mill-attur Jaccarini li hu allura estraneu ghall-istess, (ara fol 32);

ii. il-lista li seta' kien hemm annessa mal-ftehim meritu ta' din il-procedura hi biss elenku tal-membri tal-fakulta` tal-medicina;

iii. l-post vakat mill-attur Jaccarini kien gie abolit u li allura l-Kunsill tal-Universita` kien ta l-parir tieghu lill-Prim' Ministru skont il-ligi dwar in-nomini li kellhom isiru, (ara fol 34);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jidher li z-zewg gruppi ta' konvenuti – dawk li huma espressjoni tal-Ezekuttiv u dak rapprezentanti l-Universita` - jidhru li qed jesprimu pozizzjoni kemm xejn kontradittorja ghal xulxin stante li:

i. Dawk rapprezentanti l-Ezekuttiv jinvokaw il-ligi tal-Edukazzjoni hemm vigenti biex isostnu li kien impossibbli ghalihom li jintervjenu fir-rigward tal-vertenza in dizamina ghaliex il-ligi kienet tobbligahom ibaxxu rashom ghall-principju tas-Sovranita` tad-Dritt li ntroduca struttura demokratika fil-hatra ta' Kap ta' Dipartiment fl-Universita` stante li permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni de quo dan beda issa jigi mahtur a bazi ta' votazzjoni appozita;

ii. Dak rapprezentanti l-Universita` bil-gurament tieghu fid-dikjarazzjoni minnu pprezentata jsostni minflok li l-Prim'Ministru hu obbligat jimxi fuq id-decizjoni tal-Kunsill tal-Universita`;

iii. Illi di piu`, ghandu wkoll jinghad li t-tentattiv ta' konfuzjoni tal-"*punctum temporis*" taz-zewg okkazjonijiet hawn indikati senjatament il-perjodu ndikat fil-ftehim ghar-rivendikazzjoni tal-kariga de quo, u l-ligi gdida ntrodotta dwar l-edukazzjoni, jammontaw ghal tentattiv intiz biex jimmina l-pozizzjoni tal-attur Jaccarini, meta fil-fatt, il-kwistjoni kollha kienet gia` rizolta qabel dawn il-kweziti stante li l-istess attur Jaccarini kien gia` esprima b'mod kjarissimu l-pozizzjoni tieghu mal-awtoritajiet kompetenti li allura ried li jigi effettivament riintegrat fil-pozizzjoni originali tieghu qabel ma rrizenja minhabba l-azzjonijiet industrijali li kienu gew mehuda u li kien ghamel dan, skont it-termini mposti fl-istess ftehim de quo;

iv. Illi ghalhekk kwalunkwe mekkanizzazzjoni, sotterfug u raggir sussegwentement mehud mill-konvenuti biex jimpedixxu lill-attur Jaccarini milli jottjeni dak li kien lilu mwieghed, bl-ebda mod ma pperikola d-drittijiet issa minnu akkwiziti u kristallizzati favur tieghu skont il-ftehim de quo;

v. Illi molto piu`, dan qieghed jinghad ukoll meta numru konsiderevoli ta' persuni li kienu sabu ruhhom fl-istess sitwazzjoni, bhall-Professur Fenech u l-Professur Bannister, kollha sabu t-triq taghhom ghar-riintegrazzjoni mitluba spalankata berah, mentri dik tal-attur Jaccarini kienet giet imbarrata b'mod kostanti u pre-determinat ghal dan il-perjodu kollu;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni u t-tielet talba tal-atturi, senjatament dik rigwardanti n-nomina u r-riintegrazzjoni tal-persuni hemm espressament indikati fil-karigi hawn indirizzati, ghandu jinghad li dawn huma talbiet li qed jigu kkonsidrati bhala superati mit-trapass taz-zmien; m'ghadhomx konsoni mal-process de quo; u huma effettivament impossibbli li jigu logikament attwati; mhux ghax irrilevanti, izda ghaliex ir-realta` temporali effettivament irrendiet dawn it-talbiet superati;

Illi hawn si tratta ta' danni kkagunati naxxenti mir-rifjut tal-attwazzjoni tad-dritt kwezit riskontrat fl-attur Jaccarini, li n-nomina ta' terz inkombenti bl-ebda mod ma taggrava jew timmitiga l-agir nefast riskontrat, u hi ndipendenti mill-istess;

Illi tenut kont tas-suespost hu biss id-dannu kkagunat min nuqqas tal-attwazzjoni tal-ftehim pattwit li hu l-vera u l-uniku kawza tal-process in dizamina u hu dan l-uniku limitu tal-azzjoni in dizamina ntavolata mill-atturi odjerni biex b'hekk, tigi ripristinata l-ingustizzja mwettqa fil-konfront tal-attur de quo;

Illi din il-hatra ndirizzata fit-tieni talba attrici, ghar-ragunijiet hawn sintetikament esposti hi wahda li hi effettivament immaterjali stante li mhix konnessa mal-interess guridiku ndirizzat f'din il-procedura u konsegwentement din il-qorti qieghda tirrespingi dawn iz-zewg talbiet partikolari tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-sintesi essenzjali fuq riprodott ghandu issa jigi ribadit is-segwenti:

1. Illi fl-iter processwali fuq indirizzat jirrizulta li fil-preparazzjoni politikament pjanifikata qabel Mejju, 1987, l-attur Jaccarini kien gie f'diversi okkazjonijiet espressament assikurat mill-oghla protagonisti nvoluti li jekk jirrizenja mill-pozizzjonijiet tieghu fl-Universita` hu kien ser jigi eventwalment riintegrat fl-istess pozizzjonijiet;

2. Illi frott il-kapovolgiment tal-fortuni politici storikament riskontrati, l-ftehim precedentement preparatorju ikkristallizza ruhu fid-19 ta' Gunju, 1987, fi ftehim ufficcjali, din id-darba bejn xejn anqas mill-Gvern ta' Malta, li mieghu rabat ukoll lill-Universita` u l-M.A.M., biex b'hekk kien hemm garanzija ufficcjali u legalment obbligatorja fuq il-partijiet involuti ai fini tar-riintegrazzjoni awspikata;

3. Illi a bazi tal-pubblicita` moghtija lil dan il-ftehim u munit ukoll mill-assikurazzjonijiet ta' l-oghla esponenti politici u governattivi, l-attur Jaccarini halla l-impjieg esteru tieghu u bhal ohrajn fortunati aktar minnu, rritorna Malta fl-isperanza certa li kellu jigi riintegrat fil-pozizzjoni li hu kien jokkupa fl-Universita` fil-mument li bdiet din is-saga immana;

4. Illi pero`, nonostante l-imsemmija assikurazzjoni privata u l-ftehim ufficcjali pattwit, l-attur Jaccarini kellu jsofri l-ingustizzja tar-rigett inspjegabbli stante li kemm l-Ezekuttiv Governattiv kif ukoll l-Universita` *alma mater nostrana*, it-tnejn irrifjutaw li jattwaw l-obbligi fuqhom imposti mill-ftehim pattwit fuq indikat, u dan, ir-raggir riskontrat ovvjament jirrizulta li kien gravament leziv anke l-istess ***dinjita` umana ezistenzjali*** tal-attur de quo;

Ikkunsidrat:

Ili huwa issa opportun li tigi epurata l-kwistjoni tad-danni sofferti mill-attur Jaccarini in dizamina, u dan, jista' sintetikament jigi espost bil-mod segwenti:

1. Illi meta l-attur Jaccarini irrizenja l-kariga tieghu fl-Universita` ghar-raguni fuq esposta hu kien jokkupa l-kariga ta' Professur u ta' Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija fi hdan il-Fakulta` tal-Medicina li fin-normalita` tal-hajja kien jista' jkun legittimament mistenni li seta' jibqa' jokkupa din il-kariga sa ma jaghlaq il-hamsa u sittin (65) sena;

2. Illi r-rifjut tal-konvenuti li jirriintegraw lill-attur Jaccarini skont il-ftehim pattwit fuq riferit ghalhekk ikkagunalu danni ingenti billi b'hekk cahhduh illegalment u illegittimament mill-introjtu relattiv ghall-istess kariga sad-data ta' l-eta` li fiha seta' eventwalment jirtira skont il-ligi;

3. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward id-dati relattivi jirrizultaw li huma s-segwenti:

i. Jannar 1988: data li fiha l-attur Jaccarini kien imissu jigi riintegrat; sa

ii. Settembru 1997: data li fiha kien seta' jirtira bl-eghluq tal-eta` pensjonabbli fuq indikata;

4. Illi tenut kont tad-dokumenti esebiti u tax-xhieda relattiva, din il-qorti ma tara li hemm l-ebda raguni valida biex ma takkoljix it-talba tal-attur Jaccarini fir-rigward ta' dan it-telf ta' qliegh sopportat mill-istess attur u ghalhekk, qed tillikwida dan l-ammont f'dak indikat minnu stess a fol 693 u sussegwentement a fol 761 u 770 u 771 tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi kif gia` gie wkoll ritenut minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Busuttil illum Cordina et vs Dr. Josie Muscat et** datata t-30 ta' Novembru, 2010, per l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo, jigi

ribadit li d-dannu patrimonjali soffert mill-attur “ … ma huwiex biss patrimonjali”, (ara paragrafu 59 p.16);

Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta assodat ukoll li minhabba l-vertenza in dizamina l-attur odjern sofra wkoll umiljazzjoni psikologika u morali immani, molto piu`, meta wiehed jikkonsidra sintetikament is-segwenti:

1. Illi dawk li kienu assigurawh mill-protezzjoni taghhom meta l-attur kien izolat jikkombatti l-maltemp tal-gurnata kienu effettivament l-istess nies li ttradewh;

2. Illi z-zmien inordinatament twil li hadet din il-procedura sal-konkluzjoni, ovvjament biss *in prim' istanza* taghha;

3. Is-solitudini immana li l-attur Jaccarini sab ruhu fiha tul din is-saga kollha tenut kont li personaggi li kienu fl-istess sitwazzjoni tieghu sabu t-triq tar-riintegrazzjoni komodament spjanata quddiemhom, mentri tieghu ghadha effettivament ferm ‘il boghod mill-konkluzjoni xierqa taghha;

Illi ghalhekk dan kollu komplessivament riskontrat jimmilita favur tezi epurata f’gurisdizzjonijiet progrediti li maghhom Malta issa taqsam l-istess post tal-unur, li dan jaffettwa serjament l-integrita` priko-fizika tal-attur, liema integrita` hi tutelata kemm mill-Kostituzzjoni ta’ Malta kemm mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll issa mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Illi a skans ta’ ripetizzjoni inutili taghmel ampja referenza ghall-paragrafu 60 tas-sentenza tal-Prim’ Awla fuq citata fejn gie hemm ribadit li l-qrati Maltin huma wkoll marbuta li jinterpretaw il-ligi Maltija b’mod konformi mal-ligijiet naxxenti mill-istrumenti legali ndikati fil-paragrafu precedenti;

Illi in oltre, l-artikolu 1033 tal-Kap 16, jistabbilixxi s-segwenti:

“Kull min, bil-hsieb  jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu **obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk**”;

Illi ghalhekk, l-interpretazzjoni tal-kliem “**tal-hsara**” m’ghadhiex aktar limitata, bhal ma kienet tradizzjonalment, ghall-“***damnum emergens***” u/jew “***lucrum cessans***”, izda ghandha wkoll allura tinkludi l-hsara **kollha** riskontrata -  u b’hekk mhux biss dik esklussivament patrimonjali – bhal ma hi allura dik hawn riskontrata;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre, in konnessjoni ma’ l-artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 li jiddetermina kif ghandhom jitqiesu d-danni in dizamina, il-kliem “ **… telf effettiv …**” hemm indikati ghandhom allura, oltre d-dannu effettiv fuq riskontrat, jinkludu wkoll dan ir-riskontru psiko-fiziku, li fil-kaz odjern jirrizulta li hu anke ezageratement durevoli  ghaliex jaf l-origini tieghu fl-1977,  mill-agir skonsiderat tal-konvenuti emfasizzat tul din is-saga kollha, nkluz ukoll il-perjodu ezageratament  twil mehud ghall-konkluzjoni tal-vertenza legali odjerna;

Illi kif gie abbilment ritenut fis-sentenza fuq gia` citata, l-ligi tad-delitti civili in dizamina f’pajjiz li llum hu membru dehen tal-Unjoni Ewropea kolpit kif inhu bil-legislazzjoni fuq riferita;

**“ … ma tistax tkompli thalli bla rimedju lil min igarrab hsara fil-valuri fundamentali tal-hajja”;**

Illi ghandu jkun ghalhekk pacifiku li l-hajja li fin-normalita` tac-cirkostanzi setghet tkun felicement pjenament vissuta mill-attur de quo, giet effettivament cirkoskritta b’mod anke psikikament negattiv, haga li timmerita l-**ekwiparazzjoni ezistenzjali** li l-imsemmija legislazzjoni, Konvenzjonijiet, u Karta Ewropea, jindirizzaw bi kjarezza u

li l-qrati Maltin ma jistghux ikomplu jippekkaw fir-rigward billi jinjorawhom;

Illi kif abbilment sostniet din l-istess qorti diversament preseduta fis-sentenza fuq gia` citata, fin-nuqqas ta' legislazzjoni appozita, nonostante li din il-qorti thoss id-dover li issa torjenta din il-vertenza partikolari b'ekwita`, tali likwidazzjoni hawn indirizzata ma tistax tigi kwantifikata b'mod iehor hlief *arbitrio boni viri*, anke in vista tal-fatt tal-istress processwali riskontrat li wkoll jimmerita l-ekwiparazzjoni monetarja dovuta;

Illi konsegwentement, tenut kont tal-fatturi kollha fuq riferiti u tal-fatt li qed jigi zviluppat rimedju **innovattiv** ulterjuri bbazat fuq l-ordinament guridiku Ewropew aktar ampju li tieghu Malta llum kif gia` sottolineat, tifforma parti ntegrali tieghu, u wkoll, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-implikazzjonijiet kollha nvoluti, tillikwida d-danni in dizamina – ultra patrimonjali – sofferti mill-attur fis-somma ta' ghoxrin elf Ewro, (€20,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost u tar-ragunijiet fuq sintetikament kompilati din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti fuq indikati, takkolji t-talbiet attrici rimanenti bil-kwalifika fuq gia` ndikata u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-ftehim datat id-19 ta' Gunju, 1987 fuq ampjament riferit gie unilateralment, illegalment u b'mod abbusiv miksur mill-konvenuti kollha;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Professur Jaccarini fuq indikat u kif aggornat bil-mod segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| i. "Damnum Emergens" | : | €223,043.97 |
| ii. "Dannu Ezistenzjali | : | € 20,000.00 |
| Total | : | €243,043.97 |

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* biex ihallsu l-ammont komplessiv hawn fuq likwidat lill-attur Professur Anthony Jaccarini;

4. Bl-ispejjez, bl-eccezzjoni ghal dawk fuq espressament gia` ndikati, kontra l-konvenuti “*in solidum*”, u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mis-17 ta’ Dicembru, 1991, sad-data tal-effettiv pagament.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------